KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 33 – IL-ĦAMIS 3 TA' ĠUNJU 2021**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. b'mod virtwali minħabba l-pandemija u każ ta' persuna vulnerabbli.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**33.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

33.1.1 Ma kienx hemm.

**33.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

33.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (32) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

33.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 33.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

33.3.1 Ma kienx hemm.

Is-Sindku Dott. Sciberras talab biex issir sospensjoni tar-regolamenti biex jiġi diskuss item nru. 33.9 minflok item nru. 33.4. peress li kien preżenti għas-seduta l-*Accountant* tal-Kunsill. *Nem con*.

## 33 .4 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT JAN – MAR 2021

33.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant biex jippreżenta l-Quarterly Financial Report għall-ewwel kwart bejn il-perjodu ta' Jannar u Marzu 2021.

33.4.2 L-Accountant ippreżenta l-Quarterly Financial Report lill-preżenti u spjega dan ir-rapport finanzjarju fid-dettal.

33.4.3 L-Accountant spjega d-dħul (income) u sintendi l-ħruġ (expenditure) u fejn jirriżulta li għall-ewwel kwart tas-sena 2021, il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill għalqet b'*deficit* ta' Eur8,143. Id-deficit ġej l-aktar mid-deprezzament tal-*Property, Plant & Equipment*.

33.4.4 Is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet.

33.4.5 Ma kienx hemm.

33.4.6 Is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit għall-approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report*.

33.4.7 Il-Kunsill approva *nem con*.

**(Ara dok. E)**

## 33.5 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

33.5.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-*audit* tal-Kunsill ser jibda nhar it-8 ta' Ġunju u l-udituri tal-Gvern għal din is-sena huma Grant Thornton.

33.5.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-AKL infurmat lill-Kunsill biex sal-aħħar ta' Mejju jiġi ppreżentat ir-rapport finali dwar ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni tal-bankina fi Triq Ġużè Bonnici. Informa li peress li l-ERA żammet lill-Kunsill milli jibdew ix-xogħlijiet minħabba l-*clearance* biex ikun jista jsir intervent fuq l-għeruq tas-siġra tat-tip *macrocarpa* li kkawżat ħsarat estensivi fil-bankina eżistenti, il-Kunsill ma setax jonora deadline tal-AKL. Is-Sindku żied jgħid li hemm il-probabiltà li jintilfu l-fondi li l-Kunsill kellu għad-dispożizzjoni tiegħu biex jagħmel dan il-proġett li kienu jlaħħqu Eur7k. Però hemm korrispondenza għaddejja bejn l-AKL u l-Kunsill biex dawn il-fondi ma jintilfux. Ix-xogħol miexi bir-ritmu tiegħu mill-kuntrattur u qed nistennew li jitlesta fil-ġimgħat li ġejjin. Fakkar ukoll li oriġinarjament dawn il-fondi kellhom jintużaw għall-edizzjoni Festa Fjuri iżda minħabba l-pandemija, il-Kunsill kellu jibdel l-iskop biex ma jintilfux il-fondi. Issa l-Kunsill qed jagħmel il-ġlieda tiegħu *tramite* l-AKL biex l-Aġenzija LESA tifhem iċ-ċirkostanzi li jinsab fihom il-Kunsill.

33.5.3 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar il-proġett li qed isir b'fondi tal-Unjoni Ewropeja fiż-żona rurali tal-Iklin fejn preżentament qed jitkomplew ix-xogħlijiet fuq proġett ta' rikostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjiegħ fi Sqaq in-Namur taħt il-Miżura 4.4 The European Agricultural Fund for Rural Development. Il-proġett ser jiġi fit-tmiem tiegħu fil-ġranet li ġejjin.

33.5.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kienet saret spezzjoni fis-Sala tal-Kunsill u fejn ġie nnutat li hemm bżonn li ssir manutenzjoni tal-*waterproof membrane* f'ċertu partijiet tal-bejt tas-Sala tal-Kunsill. Dan se jkun qed isir mill-istess Kuntrattur li għamel ix-xogħlijiet.

33.5.4 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kienu saru xogħlijiet ta' titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Richard Taylor wara li l-Kunsill kien kiseb il-permessi mingħand l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta. Ġew immarkati *parking slots* ġodda għall-vetturi nkluż Motor Cycle bay.

33.5.5 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kienet saret spezzjoni fi Triq il-Ħwawar biex nindirizzaw issue fejn makkinarju goff qed jaċċessa minn din it-triq b'periklu li jintlaqat il-ħitan tas-sejjiegħ u ssir ħsara jew dannu akbar minn hekk fuq terza proprjetà.

Kien ikkonfermat li s-sinjali tat-traffiku kienu konformi mar-regolamenti tat-traffiku.

L-Uffiċċjal mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta ressaq suġġeriment biex il-Kunsill joħloq bħal bankina tal-*concrete* bħala protezzjoni għall-ħitan tas-sejjiegħ u anke biex jiddefinixxi allinjament fil-parti tal-bidu tal-isqaq li jinżamm tul l-isqaq b'mod li makkinarju goff ma jħakkikx mall-ħitan iżda tinħoloq bħal direzzjoni biex tkunx ta' periklu għal terzi.

Is-Sindku Dott. Sciberras talab biex nitkellmu mall-Perit tal-Kunsill biex joħloq disinn fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Uffiċċjal tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex tiġi sottomessa lill-istess Awtorità għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

Is-Sindku Dott. Sciberras kompla billi qal li mill-bidu ta' din il-leġiżlatura, il-Kunsill għamel numru ta' spezzjonijiet biex insibu soluzzjonijiet u tkellimna mar-residenti in kwistjoni biex jiġu mplimentati miżuri ta' sigurtà. Il-pjan li jiġu implimentati *crash barriers* falla minħabba r-restrizzjonijiet tal-imsemmi sqaq.

Rigward l-immaniġġjar tat-traffiku f'din iż-żona, il-Kunsill kien anke ikkonsulta mar-residenti li jirrisiedu fi Triq il-Ħwawar u l-madwar biex nisimgħu x'qed jgħidu r-residenti u kif nistgħu ntejbu l-immaniġġjar tat-traffiku. Mill-kummenti tar-residenti, il-Kunsill ressaq talba lill-Awtorità biex tiġi mplimentata *road hump* u anke biex Triq il-Ħwawar tiġi *one-way traffic system*. Dawn it-talbiet ġew milqugħa u approvati mill-Awtorità u l-implimentazzjoni se sseħħ fil-viċin. Kif appena jitlesta l-proġett ta' Triq il-Wied, Triq il-Ħwawar ser tiġi disinjata bħala *one-way traffic system*. B'dan il-mod, ser jitneħħa l-periklu eżistenti partikolarment fil-parti dejqa tat-triq.

Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li minkejja l-miżuri ta' mitigazzjoni li qed jimplimenta l-Kunsill, xorta jibqa l-fatt li jekk ma jkollokx infurzar tal-liġi b'mod konsistenti, is-sistema tal-immaniġġjar tat-traffiku tfalli.

## 33.6 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

33.6.1 Ma kienx hemm.

## 33.7 **RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI**

33.7.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-13 ta' April u l-1 ta' Ġunju 2021 kif jidher fid-dokumenti A u B.

33.7.2 Is-Sindku Dott. Sciberras staqsa dwar korrispondenza nru. 750/21. Siġar imħawwla fi Triq San Mikiel.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill kien irċieva ittra ta' ringrazzjament għax-xogħol ta' tisbieħ li sar fi Triq San Mikiel meta l-Kunsill organizza l-*planters* eżistenti bis-siġar tar-rand u x-xitel tal-klin. Faħħar din l-inizjattiva u rringrazzja lill-Kunsill għal dan it-tisbieħ.

33.7.3 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 755/21. Applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp PA 8632/20 – Triq Enrico Naudi. Approvat.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kellux dettalji f'idejh f'dak il-mument però wiegħed lill-Kunsillier Catania li kien ser jgħaddi l-informazzjoni kollha relatat ma' dan il-permess.

33.7.4 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 822/21. Ammendi fid-disinn tas-Sala tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar fil-proġett li l-Kunsill bi ħsiebu jimbarka fix-xhur li ġejjin dwar Community Care & Active Ageing u meta l-Kunsill ikkonsulta ma' din l-Aġenzija dwar ir-rinnovar tas-Sala, il-Kunsill ġie mitlub biex is-Sala taħseb ukoll għal Uffiċċju żgħir. Fakkar li l-Kunsill kien iddeċieda li jinkludi *kitchenette*, *bathrooms access for all*, u *wall divider*. Għaldaqstant il-Perit kellu jagħmel modifiki fil-pjanti qabel ma tiġi sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien importanti li f'dan l-istadju, l-Kunsill jinnotifika lill-Active Ageing bid-disinn tal-Perit qabel ma tiġi sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar.

33.7.5 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar korrispondenza nru. 882/21. Talba għall-aċċess biex titnaddaf għalqa fi Triq Dr. Pawlu Grech minn akkumulu kbir ta' skart.

33.7.6 Il-Viċi Sindku Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 728/21. Talba għal estensjoni ta' *sewer main* fi Triq Għargħur.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li residenza fi Triq Għargħur qed titlob lill-Kunsill l-assistenza biex il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tikkunsidra li jsir estensjoni ta' *sewer main* peress li din il-familja għadha tinqeda mill-faċilità ta' fossa. Informa li l-Kunsill kien għadda dan is-suġġeriment/ilment lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għal direzzjoni. Skont l-istess Korporazzjoni, l-eqreb *sewer main* jinsab madwar 300 metru bogħod mill-imsemmija residenza.

Informa li ngħatat gwida lir-residenti dwar kif jistgħu jibbenifikaw minn skema tal-Awtorità tal-Ippjanar fejn l-applikant jista jibbenifika minn rimborż ta' 90% fuq l-ispejjeż. Naturalment il-Kunsill qed jassisti lir-resident dwar proċedura ta' kif għandhom japplikaw u kif l-istess residenti jistgħu jibbenifikaw minn skemi finanzjarji.

33.7.7 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 939/21. Riċevuta mingħand Maltapost plc dwar it-talba li ressaq il-Kunsill biex niltaqgħu mal-*Management* biex jikkunsidraw servizz minn ġol-lokalità.

Il-Kunsillier Godwin Catania informa li lokalità fil-qrib tal-Iklin għandhom arranġament mal-Maltapost plc biex darba fil-ġimgħa joffri s-servizz fl-apert minn ħdejn l-iskola.

Is-Sindku Dott. Sciberras qal li tajjeb li nafu b'dan l-arranġament biex bħal ma qed isir f'lokalità oħra, l-istess servizz għandu jingħata lil din il-lokalità. Is-Sindku ikkonkluda li l-Kunsill jista jipprovdi spazju fi Pjazza Ninu Cremona.

33.7.8 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq l-*issue* jew aħjar saga li għadha għaddejja fi Triq Alfons Maria Galea fejn residenti qed jibqgħu jipparkjaw quddiem garages privati. Dan minkejja li l-Kunsill għamel ri-organizazzjoni tal-immaniġġjar tat-traffiku bl-iskop li s-sewwieqa jkollhom linja gwida sa fejn jistgħu jitilgħu bil-vettura fuq il-bankina għal *garage users*.

Is-Sindku Dott. Sciberras kompla billi qal li kien irċieva ittra minn resident fejn kontinwament qed isib l-ostakli u qed jissuġġerixxi li jsir xi korrezzjonijiet fil-marki taż-żebgħa eżistenti. Apparentement, jidher li minkejja t-titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku, xorta qed ikun hemm l-abbużi u l-pulizija qed tkun involuta f'numru ta' istanzi.

Il-Kunsillier Bernice Farrugia qed tgħid li qed ikun hemm ħafna ġlied fit-triq u qalet li hemm bżonn tinstab soluzzjoni. Taf bil-każ għax tirrisiedi fl-imsemmija triq u taf ben preċiż x'qed jiġri.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li ssir laqgħa fuq il-post ma' Uffiċċjal tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex il-Kunsill jikkonferma li t-titjib li sar fl-immaniġġjar tat-traffiku huwa konformi mar-Regolamenti tat-Traffiku.

Naraw x'ikun l-eżitu ta' din il-laqgħa u terġa titla għad-diskussjoni f'item li jkun jitratta l-immaniġġjar tat-traffiku.

**COMPLAINTS SHEET (14 ta' April - 1 ta' Ġunju 2021)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 78 | 14/04/2021 | Bozza mall-ħajt mitfija fejn 33, Triq il-Mużika | settled | Triq il-Mużika | **Kuntrattur** |
| 79 | 16/04/2021 | Rigward il-*belisha lights* li se jsiru fi Triq E.S. Inglott, resident qed jinfurmana li bihom jistgħu itellfuh milli jidħol fil-garaxx. | Pending | Triq E.S. Inglott | **Council** |
| 80 | 19/04/2021 | 2 tabelli irranġati , Triq iċ-Ċitru u Triq San Mikiel | Settled | Triq iċ-Ċitru /Triq San Mikiel | **COUNCIL** |
| 81 | 19/04/2021 | Hemm 2 bozoz fuq arbli ma' jixgħelux fi Triq il-Ħwawar, faċċata ta' Triq iż-Żebbuġa. | closed | Triq il-Hwawar | **ENEMALTA** |
| 82 | 20/04/2021 | Din ir-residenta qed terġa tilmenta li min joqgħod fi Red Farm qed iħallat l-iskart u joħorġu mhux skont il-ġurnata tiegħu. | Pending | Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 83 | 20/04/2021 | Hemm bżonn li jinżabru xi siġar quddiem banka tal-lottu fi Triq Dun Karm. | closed | Triq Dun Karm | **ELC** |
| 84 | 23/04/2021 | Bozza fuq arblu fejn 111, Triq il-Wied iktar mitfija milli mixgħula | settled | Triq il-Wied | **ENEMALTA** |
| 85 | 23/04/2021 | Bozza fuq arblu fi Triq ir-Razzett L-Aħmar int u tiela kif taqbeż Ta' Ċomba fuq il-lemin | settled | Triq ir-Razzett L-Aħmar | **Kuntrattur** |
| 86 | 23/04/2021 | Triq Ċensu Bugeja c/w Stefano Erardi tabelli nieqsa- 2 No Entry u No Left Turn on poles | pending | | **COUNCIL/ Contractor** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 87 | 27/04/2021 | Triq Ċensu Bugeja biex titneħħa l-lampa ta' mal-bini ħabba xogħlijiet li se jsiru | settled | Triq Ċ Bugeja | **Kuntrattur** |
| 88 | 27/04/2021 | Triq G Curmi c/w Triq S Erardi hemm sprall imkisser fuq il-bankina | pending | Triq Ġ Curmi | **GO plc** |
| 89 | 27/04/2021 | Triq Dwardu Cachia hemm ħofra quddiem No. 19 taħt il-bankina | settled | Triq Dwardu Cachia | **Council** |
| 90 | 27/04/2021 | Bozza ser taqa' 16, Triq Ċ. Bugeja,, biex jitneħħa l-periklu li hemm | settled | 16, Triq Ċensu Bugeja | **Kuntrattur** |
| 91 | 28/04/2021 | Talba biex jinqata' l-ħaxix minn fuq il-bankini ta' Triq il-Wied. | pending | Triq il-Wied | **Kuntrattur** |
| 92 | 28/04/2021 | Talba biex jinqata l-ħaxix taż-żewġ naħat ta' Triq San Mikiel għax ilu ma' jinqata'. | settled | Triq San Mikiel | **Kuntrattur** |
| 93 | 28/04/2021 | Talba biex jitbattal *doggy bin* fi Triq Giorgio Locano | settled | Triq Giorgio Locano | **Kuntrattur** |
| 94 | 29/04/2021 | Fit-Triq il-Ħwawar hemm kaxxa bl-affarjiet | settled | Triq il-Hwawar | **Council** |
| 95 | 04/05/2021 | Tabelli biex jitranġaw fi Triq G Abos u Triq Ċensu Bugeja | Settled by our handyman | Triq Abos u Bugeja | **Council** |
| 96 | 05/05/2021 | Bozza mall-ħajt mitfija fejn 72, Triq G M Azzopardi | settled | Triq G M Azzopardi | **Kuntrattur** |
| 97 | 05/05/2021 | Ilma ħiereġ qabel l-arloġġ ta 29, Triq Ġeronimo Abos | pending | Triq G Abos | **WSC** |
| 98 | 07/05/2021 | Residenta qed titlob li jsiru '*double yellow lines*' mall-ġnub tad-*drive in* fi Triq il-Wied għaliex qed jipparkjawlha mad-drive u ma' tkunx tista toħroġ. Qabel saret it-triq kienu sarulha u issa tixtieq li jerġgħu jinżebgħu wara li titlesta t-triq. | pending | Triq il-Wied | **Council** |
| 99 | 07/05/2021 | Bozza mal-hajt mitfija Fit-Triq il-Klin | pending | Triq il-Klin | **MICAMED** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 100 | 10/05/2021 | Hemm *leakage* tal-ilma fi Triq Karmenu Vassallo c/w Trejqet ir-Rumanzieri. | pending | Triq Karmenu Vassallo | **WSC** |
| 101 | 11/05/2021 | Ħierġa riħa ta' drenaġġ minn *culverts* tal-ilma fi Triq San Mikiel. | pending | Triq San Mikiel | **Public Works Department** |
| 102 | 11/05/2021 | Hemm bżonn ta' tindif ta' skart u hemm bżonn ta' *grass cutting* mit-Triq K.Vassallo sa Triq A.M.Caruana | settled | Triq K.Vassallo | **Council** |
| 103 | 12/05/2021 | Fi Triq il-Prinjol hemm siġra kbira li ħierġa minn ġnien privat li qed tingombra t-triq u qed twaqqa' ħafna weraq. | pending | Triq il-Prinjol | **Council** |
| 104 | 12/05/2021 | Hemm inspection chamber tad-drenaġġ imkissra quddiem il-banka tal-lottu fi Triq il-Prinjol. | settled | Triq Dun Karm | **Lotto Office** |
| 105 | 12/05/2021 | Talba biex titbaxxa naqra biċċa bankina quddiem garaxx fi Triq Richard Taylor biex tkun tista' tidħol bil-karru. | pending | Triq Richard Taylor | **TRANSPORT MALTA** |
| 106 | 13/05/2021 | Ħġieġ fit-triq u fil-bankina wara ħabta fil-bankina fil-bypass fi Triq Dun Karm fejn il-lights tal-Maltco. | pending | Triq Dun Karm | **Cleansing** |
| 107 | 14/05/2021 | Skart ma nġabarx ta' nru 17, Triq Ċensu Bugeja | settled | Triq C Bugeja | **Kuntrattur** |
| 108 | 14/05/2021 | Bozza mitfija mall-ħajt fi Triq L F Mizzi | pending | Triq Dr L F Mizzi | **Kuntrattur** |
| 109 | 15/05/2021 | Hemm bozza maqtugħa max-showroom tal-MRCD fi Triq iċ-Ċitru. | settled | Triq iċ-Ċitru | **Kuntrattur** |
| 110 | 17/05/2021 | Tqaċċtet siġra tal-bajtar għal fuq it-triq fi Triq l-Għaqba. | settled | Triq l-Għaqba | **COUNCIL** |
| 111 | 17/05/2021 | Faċċata ta' Carolina's fi Triq il-Klin hemm il-bankina għolja li meta tiftaħ il-bieba tal-vettura din taħbat mall-bankina. Dan qed jitlob biex titbaxxa l-bankina. | pending | Triq il-Klin | **COUNCIL** |
| 112 | 17/05/2021 | Talba biex titnaddaf taħt ħarruba wara ċint għax qed iwaddbu l-imbarazz Triq G Galea | settled | Triq Guze' Galea | **Kuntrattur** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 113 | 17/05/2021 | Talba għal *refreshing of road markings* fi Triq G Galea, parking slot miżbugħ bl-isfar faċċata nru 68 | pending | Triq Guze' Galea | **COUNCIL** |
| 114 | 18/05/2021 | Bozza tixgħel u titfi fuq arblu fit-*traffic island* ta' Pjazza Ninu Cremona. | settled | Pjazza Ninu Cremona | **Kuntrattur** |
| 115 | 19/05/2021 | Bozza mitfija m'arblu fi Triq Stefano Erardi | pending | 110,Triq Stefano Erardi | **Enemalta** |
| 116 | 20/05/2021 | Inbidlet bozza mall-ħajt to' 16, Triq Ċ Bugeja, biex tiġi kkonnettjata | settled | 16, Triq Censu Bugeja | **Enemalta** |
| 117 | 24/05/2021 | Talba biex quddiem garaxx jinżebgħu l-kaxxi, minn bojod isiru sofor fi Triq San Mikiel. | pending | Triq San Mikiel | **COUNCIL** |
| 118 | 26/05/2021 | Talba biex issir *traffic mirror* fi Triq Geronimo Abos fl-inħawi tat-*traffic island* għaliex meta jkunu telgħin mid-*drive in*, ikun hemm il-vannijiet li jħottu għand il-Maypole u ma' tkunx tista tara' min hu nieżel. | pending | Triq Geronimo Abos | **COUNCIL** |
| 119 | 26/05/2021 | Triq il-Bruka hemm *leakage* ta drenaġġ. | Pending | Triq il-Bruka | **Water services** |
| 120 | 26/05/2021 | Kull meta tagħmel ix-xita qed jinġemalu ħafna ilma fuq il-bejt. Dan ir-resident qed jgħid li minħabba r-rampi tal-konkos li hemm matul it-triq fi Triq Karmenu Vassallo. | pending | Triq Karmenu Vassallo | **COUNCIL** |
| 121 | 26/05/2021 | Hemm kaptelli tal-GO imkissrin fi Triq il-Wied. | pending | Triq il-Wied | **GO plc** |
| 122 | 26/05/2021 | Talba biex bozza terġa titwaħħal ma faċċata għaliex qegħda fuq arblu fin-nofs u qed perikoluż fi Triq G. Calleja | pending | 42, Triq g Calleja | **ENEMALTA** |
| 123 | 28/05/2021 | Bankina tkissret waqt xogħlijiet tal-Go plc quddiem 86/88 Triq K Vassallo | pending | 86/88 Triq K Vassallo | **GO plc** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 124 | 29/05/2021 | PC 1301 report 8/S1381/2021 - phoned about Triq il-Ħwawar ghadda bowser kbir irrapporta resident | Meeting held with TM on 28/5/2021 | Triq il-Ħwawar | **Council** |
| 125 | 31/05/2021 | Ilment biex isir tarmac fi Sqaq il-Ħwawar | pending | Sqaq il-Ħwawar | **Council** |

## 33.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

33.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

33.8.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

33.8.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

33.8.4 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għal xiri ta' plakka bi skrizzjoni li timmarka t-twaqqif tal-Kunsilli Lokali lura fis-sena 1994 mingħand il-fornitur Artisans Centre għall-prezz ta' Eur147.50c V.A.T. inkluż;
2. Kwotazzjoni għal xiri ta'(3) plakek A3 stainless steel mingħand il-fornitur Horace Enterprises Ltd għall-prezz ta' Eur354.00 V.A.T. inkluż;
3. Kwotazzjoni għal xiri ta' (3) leġiji tal-metall in konnessjoni mall-pubbliċità tal-proġett tal-ħitan tas-sejjiegħ mingħand il-fornitur Omar Xuereb għall-prezz ta' Eur460.20 V.A.T. inkluż;
4. Kwotazzjoni għal tibdil ta' *waterproof membrane* (part of) tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill mingħand il-fornitur Kevin Azzopardi għall-prezz ta' Eur1,215.40c V.A.T. inkluż;
5. Kwotazzjoni għal xiri ta' Hall Porter system għall-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill għall-prezz ta' Eur944.00 V.A.T. inkluż;
6. Kwotazzjoni għal xiri ta' Rubber Road Humps mingħand il-fornitur Koptasin għall-prezz ta' Eur2,415.19c;

## 33.9 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

33.9.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

33.9.2 Applikazzjoni PA 02498/21 – 24, Triq il-Mużika 'Correction of site for PAPB1012/80 and sanctioning of alterations to dwelling from that previously approved.

33.9.3 Applikazzjoni PA 02527/21 – 5, Westham United Triq Carmelo Pace – Sanctioning of property as built, including internal configuration, minor variations to elevations and landscaping.

33.9.4 Applikazzjoni PA 02519/21 – Iklin Pharmacy & 113, Triq Geronimo Abos 'Proposed internal and external alterations to existing pharmacy and Class 4 shop, including internal connection of the two spaces, changes to facade apertures and finishes, including changes to signage.

33.9.5 Applikazzjoni PA 04882/20 – Triq Leli Falzon 'Sanctioning of extension of exisitng passage to provide safe aċċess to farmers, including the proposed construction of a reservoir and storm water network to be connected to the reservoir.

33.9.6 Applikazzjoni PA 02260/21 – Il-Barriera, Sqaq In-Naxxar off Triq tal-Balal – Demoition of existing residential dwelling together with ancillary structures into a new Office Class 4A and include basement/warehouse Class 6A and surrounding landscaping. Proposal includes publice Service parking spaces at basement level.

33.9.7 Applikazzjoni PA 07547/20 – Triq tal-Balal c/w Triq Hal Gharghur 'Consturction of car wash, including kiosk (Class 4C) and sitting area, advertising billboards, solar panels on roofs and underground water reservoir.

33.9.8 Applikazzjoni PA 03613/21 – 134, Paros, Triq Geronimo Abos 'To demolish of existing dwelling and to construct basement garages (level-1) and overlying apartments (1 to 5).

33.9.9 Applikazzjoni PA 03588/21 – Casa Giarda, Sqaq Garda 'Repositioning of front boundary wall and minor alteration to front entrance landscaping.

## 33.10 PROPOSTI GĦALL-GĦAŻLA TA' SKEMA AWTORIZZATA TAL-ĠBIR TA' SKART RIĊIKLAT

33.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill huwa obbligat sabiex żmien adegwat qabel ma jkun ser jiskadi l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart separat li l-Kunsill ikollu ma' waħda mill-iskemi awtorizzati mill-ERA, għandhom joħorġu komunikat liż-żewġ skemi sabiex jissottomettu l-proposta tagħhom lill-Kunsill rispettiv.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kienet waslet proposta waħda wara li l-Kunsill kien ta ċans ta' għaxart ijiem tax-xogħol sakemm jirrispondu formalment bil-miktub.

33.10.2 Il-proposta tal-iskema awtorizzata GreenMT kienet waslet lil dan l-Uffiċċju u kienet intbagħtet lill-Kunsillieri qabel is-seduta. *A prima facie*, il-proposta ġiet bħal take it or leave it għax l-unika proposta irrispettivament mid-deċiżjoni li trid tittieħed dwar il-Bring-in-Sites.

33.10.3 Is-Sindku reġa ta *briefing* waqt is-seduta tal-proposta ppreżentata mill-iskema awtorizzata GreenMT u saret diskussjoni wiesgħa mill-Kunsillieri preżenti, b'numru ta' interventi dwar il-proposta *per se*.

33.10.4 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq xi punti għall-osservazzjoni tal-Kunsillieri preżenti fejn skont l-istess proposta jidher li l-Iskema kienet qed toffri ġabra waħda tal-ħġieġ meta l-ftehim preżenti kien qed jipprovdi ġabra fl-ewwel u oħra fit-tielet ġimgħa tax-xhar. Dan il-ftehim kien sar bejn iż-żewġ partijiet meta kienet ittieħdet deċiżjoni biex jitneħħew il-Bring-in-sites u biex il-Kunsill jikkumpensa għat-tneħħija tal-BIS, daħlet fl-iskeda tal-immaniġġjar tal-iskart it-tieni ġabra tal-ħġieġ.

Is-Sindku Dott. Sciberras irrimarka wkoll ir-Regolament 10(2) tar-Regolamenti dwar l-Iskart (L.S. 549.63) kif amendat fejn jistipola li l-Kunsilli Lokali għandhom jallokaw spazju għall-provvediment ta' Recycling Points għal kull elfejn (2000) abitant f'kull lokalità speċifika. Dan l-Avviż Legali daħal fis-seħħ nhar id-9 ta' April 2021 u li jemenda ir-Regolamenti dwar l-Iskart.

Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq ukoll osservazzjoni oħra dwar il-proposta ta' GreenMT li l-Iskema kienet ser tobbliga ruħha li tforni massimu ta' żewġ 'Recycling Points' fil-lokalità tal-Iklin u lesta tforni CCTV cameras fuq l-istess siti bis-sorveljanza issir biss mill-Aġenzija LESA. Il-konnessjoni tad-dawl u spejjeż rikorrenti jkunu l-obbligu tal-Kunsill Lokali.

Is-Sindku Dott. Sciberras spjega li l-Kunsill kien ħa deċiżjoni kuraġġuża meta l-Kunsill iddeċieda li jelimina l-Bring-in-Sites u ma kienx lest jerġa jalloka l-imsemmija BIS f'dawn is-siti jiġifieri fi Service road ta' Triq Dun Karm u Triq in-Naxxar. Semma li dawn kienu tneħħew wara li dawn is-siti kienu saru miżbliet żgħar.

Is-Sindku Dott. Sciberras kompla billi qal li jekk dan ir-regolament li daħal fis-seħħ se jkun imponut fuq l-Iskema, il-Kunsill m'għandux opzjoni oħra ħlief li jkollu jidentifika żona jew tnejn biex jiġu allokati l-Bring-in-Sites.

33.10.5 Il-Kunsillier Godwin Catania għamel il-pożizzjoni tiegħu ċara li hu kien dejjem favur il-Bring-in-Sites għaliex jemmen li r-residenti li jagħmlu użu tajjeb minn dawn il-kontenituri m'għandhomx ibatu għal min kien jabbuża u jiddisponi kull tip ta' skart madwar l-imsemmija kontenituri. Żied jgħid li r-residenti spiċċaw imorru jiddisponu minn skart riċiklabbli f'lokalitajiet oħra ġirien.

33.10.6 Is-Sindku Dott. Sciberras irribatta l-argument tal-Kunsillier Catania għal sempliċi fatt li kienet proprju waħda mir-raġunijiet li semma l-Kunsillier Catania li l-Kunsill wasal għal tali deċiżjoni. Meta l-Kunsill kien għamel arranġament mal-Aġenzija LESA biex isir monitoraġġ permezz ta' Uffiċċjali pajżana, kien ikkonfermat li l-abbuż ma kienx ġej mir-residenti tal-lokal. Is-Sindku Dott. Sciberras qal li mhux aċċettabbli li nerġgħu nallokaw BIS fi *service road* għax ir-residenti tal-madwar sofrew ħafna bl-inkonvenjenzi li jġibu magħhom dawn il-kontenituri.

33.10.7 Imbagħad is-Sindku qal li f'dan l-istadju jkun tajjeb jekk il-Kunsill jesplora siti ġodda fl-eventwalità li jkollna nallokaw spazju għal Bring-in-Sites.

33.10.8 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo ressqet suġġeriment biex il-Kunsill jikkunsidra spazju fi Triq San Mikiel biswit il-faċilità tal-parkeġġ.

33.10.9 Il-Kunsillier Emanuel Zammit kien xettiku dwar dan is-sit għaliex huwa konxju ta' dak li ser jissuċċedi minkejja li l-BIS ser ikunu sorveljati permezz ta' CCTV cameras.

Żied jgħid li l-Kunsill irid ukoll joqgħod attent minħabba r-regolamenti tal-GDPR (General Data Protection Regulation).

33.10.10 Il-Kunsillier Bernice Farrugia qalet li f'każ li l-Kunsill ikollu jirrevedi d-deċiżjoni minħabba l-imsemmi Avviż Legali, jkun tajjeb li l-Kunsill joħroġ *newsletter* biex ninfurmaw b'dan it-tibdil.

33.10.11 Is-Sindku Dott. Sciberras qal li r-residenti għandhom ikunu infurmati permezz ta' ċirkolari biex nispjegaw b'mod ċar u trasparenti li ri-introduzzjoni tal-Bring-in-sites fil-lokalità ġiet imposta fuq il-Kunsilli permezz ta' amenda fir-Regolamenti dwar l-Iskart.

33.10.12 Is-Sindku Dott. Sciberras qal li f'dan l-istadju, l-Kunsill ma jistax jiddeċiedi u talab biex issir laqgħa mal-iskema awtorizzata GreenMT biex niddiskutu aktar dwar din il-proposta. Qal li jkun tajjeb li l-Kunsillier Catania li għandu d-dekasteru tal-ambjent u l-indafa pubblika jkun preżenti għal din il-laqgħa.Żied jgħid li għandha ssir kjarifika dwar il-*wording* li hemm fl-Avviż Legali għaliex tagħti lok għall-interpretazzjoni biex tiġi ċċarata u barra minn hekk ninfurmaw bid-deċiżjoni li kien ħa l-Kunsill.

33.10.13 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem mill-lat amministrattiv fejn stqarr li l-Uffiċċju ma kellux aktar ilmenti minn meta tneħħew il-Bring-in-Sites. Jistqarr li l-BIS diffikultajiet biss ġiebu magħhom u l-Kunsill kellu biss kliem ta' tifħir partikularment mir-residenti tal-madwar għad-deċiżjoni kuraġġjuża li kien ħa meta tneħħew fil-bidu ta' din il-leġiżlatura.

33.10.14 Is-Sindku Dott. Sciberras qal li għalih l-uniku interess huwa r-resident. Jifhem li jekk hemm liġi, hija liġi u f'dan l-istadju, l-Kunsill għandu jiddedika l-ħin biex nidentifikaw spazji u tilħaq issir evalwazzjoni dwar l-impatt li jistgħu iħallu dawn il-Bring-in-sites. Ikkonkluda li l-Kunsill jista jikkunsidra żoni bħal Triq Erin Serracino Inglott fil-parti fejn m'hemmx abitanti u sit ieħor propost fit-Telgħa tal-Għaqba.

33.10.15 Kien hemm qbil unanimu li jsiru *site-visits* u *deadline* biex jiġu identifikati ż-żoni.

**33.11 AĠĠORNAMENT DWAR IL-PROĠETTI TA' TRIQ IL-WIED U TRIQ IL-BRUKA**

33.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ta aġġornament dwar il-proġetti ta' Triq il-Wied u Triq il-Bruka.

33.11.2 Is-Sindku Dott. Sciberras esprima d-diżappunt tiegħu bid-dewmien esaġerat biex jitlesta dan il-proġett. Filwaqt li jifhem li l-proġett ma kienx sempliċiment kisja asphalt, min-naħa l-oħra, il-kuntrattur appuntat ma żammx mall-programm tax-xogħol b'mod li ħoloq diffikultajiet kbar għall-Kunsill peress li r-residenti baqgħu jilmentaw mall-Kunsill fuq diversi *issues* sal-ġurnata tal-lum. Semma wkoll kif il-Kunsill ġie infurmat siegħa u nofs qabel ma kienet ser tingħalaq it-triq biex jingħata layer bl-asphalt meta l-Kunsill kien ilu jiġbed l-attenzjoni tal-Aġenzija Infrastructure Malta biex jagħtu avviż tal-inqas ħamest ijiem qabel ma jkun se jsir ix-xogħol biex il-Kunsill jinnotifika lir-residenti permezz tal-media soċjali u ċirkolari lir-residenti biex ikunu avżati bl-arranġamenti neċessarji tal-immaniġġjar tat-traffiku.

Is-Sindku Dott. Sciberras qed jittama li l-Aġenzija Infrastructure Malta tuża l-għodda li jippermetti l-kuntratt biex il-kuntrattur jikkonkludi x-xogħlijiet.

33.11.3 Rigward il-proġett ta' Triq il-Bruka, il-kuntrattur kien qed jaħdem fuq *sewer main* peress li nbidel u l-Kunsill huwa nfurmat li fil-jiem li ġejjin ser jingħata *base course*. B'hekk jitnaqqas l-inkonvenjent li qed jaffaċċjaw ir-residenti li jirrisiedu fi Triq il-Bruka. Matul dawn l-aħħar ġimgħat, il-Kunsill irċieva numru ta' ilmenti dwar *leakages* ta' drenaġġ fit-triq, trabijiet, nuqqas ta' aċċessibilità u dewmien esaġerat.

Is-Sindku Dott. Sciberras qed jittama li dawn iż-żewġ proġetti jagħlqu ma jdumux biex ir-residenti jerġgħu jiġu għan-normalità.

**33.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

33.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju 2021 fil-5.30 pm.

33.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju 2021 fil-5.30 pm.

33.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.35 pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ____________________ | ____________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |